MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 378/2009

**Panta Contracting Limited (C15725)**
**Vs**
**Meridian Investors Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezenatat mis-socjeta' attrici nhar is-sebgha t'Ottubru, 2009 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' hamest elef, disgha w hamsin Ewro w sitta u sittin centezmu (€5059.66) rapprezentanti prezz ta' installar ta' sistema ta' *'fire alarm'* minnha ordnat u mwettaq mis-socjeta' attrici skond struzzjonijiet taghha, w dan skond *statement* anness u markat bhala Dok. A, u kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dan stante l-fatt li ghalkemm gie interpellata sabiex thallas l-ammont fuq imsemmi, anke ufficcjalment, hija baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficcjali li ggib id-data tat-13 ta' Mejju 2009, tal-mandat ta' qbid kawtelatorju ipprezentat kontestwalment ma' din il-kawza, w bl-imghaxijiet legali

mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li d-Diretturi taghha huma ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Meridian Investors Limited ipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Novembru 2009, fejn eccepiet is-segwenti:-

1. *"Fl-ewwel lok illi s-socjeta' esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta' konvenuta u dik attrici u dan peress ili mhuwiex minnu illi s-socjeta' attrici ghamlet xi xoghlijiet fi proprjeta' tal-mittenti fuq struzzjonijiet ta' l-istess u ghalhekk dawn il-proceduri kellhom isiru kontra l-persuna li minghandha s-socjeta' attrici rceviet tali struzzjonijiet u mhux kontra l-mittenti.*

*2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici ma installat l-ebda sistema ta' 'fire alarm' fil-proprjeta' tal-mittenti minn mindu din akkwistat l-istess proprjeta', liema sistema kienet ghalhekk gja installata meta l-mittenti akkwistat il-proprjeta' u ghaldaqstant l-ebda ammont pretiz ghal tali installazzjoni ma hija dovuta.*

*3.Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici fl-avviz huwa esagerat u jispetta lis-socjeta' attrici tressaq prova tax-xoghlijiet allegatament imwettqa fuq inkarigu tal-mittenti u l-prezz ta' tali xoghlijiet.*

*4. Fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi bejn il-partijiet sehhet tpacija kif intiz fl-Artikolu 1196 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan peress illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-mittenti gew pacuti bil-pretensjonijiet dedotti mill-mittenti fil-konfront tas-socjeta' attrici fi proceduri ntavolati kontestwalment u dan stante li debitament interpellata s-socjeta' attrici baqghet inadempjenti.*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

**John Bugeja** Financial Conroller mas-socjeta' attrici xehed nhar is-26 ta' Jannar 2010 u stqarr li huwa responsabbli sabiex johorgu l-kontijiet u jara li jingabru l-flejjes relattivi. Spjega li l-klijent kien qabbadhom sabiex jinstallaw sistema ta' 'fire alarm' u wara li taw dan is-servizz huma baghtu l-kont sabiex jithallsu ta' xoghlhom.

Qal li huma l-ewwel jaghmlu *inspection*, jibghatu stima u wara li din tigi accettata huma jaghmlu x-xoghol, u dan hu proprju dak li gara fil-kaz in esami. Huwa esebixxa e-mail mibghuta lilhom mis-socjeta' konvenuta, w dan fis-7 ta' Novembru 2008, fejn huma gew mitluba sabiex johorgu l-*invoice* relattiva f'isem is-socjeta' Meridian Investors Limited, bin-numru tal-VAT MT 1849-3622, u qal li ghalhekk l-invoice li hargu, w li tinsab esebita a fol. 2 tal-atti giet indirizzata lil din is-socjeta' Meridian Investors Limited. Ikkonferma li huma qatt ma rcevew xi lment fuq ix-xoghol li ghamlu u ghalhekk fil-fehma tieghu kollox sar ghas-sodisfazzjon taghhom. Huma ghalhekk ghamlu kuntatt mas-socjeta' konvenuta sabiex jithallsu, w kien f'dak il-mument meta gie nfurmat li waqt l-installazzjoni li ghamlu kienet sehhet xi hsara. Huma ghalhekk ghamlu l-verifiki taghhom mal-impjegati taghhom u dawn cahdu b'mod kategoriku li effettivament kienu ghamlu xi hsara. Huma mbaghad baghtu ittra legali li giet esebita w immarkata bhala Dok. JB2.
Qal li huma kienu rcevew ittra minghand l-avukat tas-socjeta' konvenuta fejn gie propost li huma xtaqu jhallsu l-*invoice* li kienu baghtulhom, billi jpacu l-ammont hemm mitlub versu dak li kien qed jigi reklamat mis-socjeta' konvenuta bhala d-danni li sofriet hi. Naturalment huma ma accettawx. Din l-ittra hija mmarkata bhala Dok. JB3. Wara huma pprezentaw ittra ufficcjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 sabiex jithallsu, li kopja taghha giet esebita w immarkata bhala Dok. JB4, u maghha hemm ukoll ir-risposta tas-socjeta' konvenuta. Ikkonferma li huma ma rcevew l-ebda hlas minn mindu nfethet il-kawza odjerna.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha esebiet hames affidavits li gew immarkati bhala Dok. RB 1 sa RB5 rispettivament.
**Arthur Galea** Electrical Foreman mas-socjeta' attrici xehed permezz tal-affidavit esebit u mmarkat bhala Dok RB1. Ikkonferma li fit-18 ta' Awwissu 2008 huwa kien ghamel zjara fl-ufficcju li jinsab fil-level 2 ta' Portomaso, San Giljan flimkien ma' Grezzju Mallia u Vince Deguara, sabiex jaraw x'kien hemm bzonn li jsir dwar l-installazjoni ta' 'fire alarm'. Spjega li wara din iz-jara huma stabilew

dak li kellu jsir u ghalhekk zewg impjegati tas-socjeta' attrici, w cioe' Christian Attard u William Mallia, gew imqabbda sabiex jaghmlu x-xoghol necessarju. Ikkonferma li x-xoghol sar bejn l-20 u l-25 ta' Awwissu 2008 u wara li gie kompletat ghamlu spezzjoni ohra.
Ikkonferma li kemm waqt l-ewwel zjara, kif ukoll fit-tieni wahda, huwa ma nnota l-ebda dannu fir-*reception desk*. Pero' jghid li fl-ewwel zjara kien innota li l-hgiega tar-*reception desk* kienet tahraq hafna. Jghid li possibilment dan kien hekk minhabba l-*halogen lights* li kien hemm installati fuq ir-*reception desk*. Jghid li fit-tieni *inspection* li kien ghamel innota li l-*halogen lights* gew mibdula fi dwal ta' tip differenti, w cioe' ta' *compact PL lights*, ghalkemm dawn ma gewx installati minn xi mpejgati tas-socjeta' attrici, w lanqas ma gew mibdula minnhom. Ikkonferma wkoll li waqt li kien hemm il-haddiema tas-socjeta' attrici jahdmu fuq il-post, kien hemm ukoll haddiema ohra. Cahad li kien hu li kkawza xi danni w jghid li s-sistema ta' 'fire alarm' installata minnhom kienet wahda tajba tant li qatt ma rcieva xi lmenti dwarha.
In kontro ezami viva voce nhar il-5 ta' Ottubru 2010 ikkonferma li huwa kien il-*foreman* fuq ix-xoghol li sar minn zewg haddiema tas-socjeta' attrici. Ikkonferma li meta kien fuq il-post, u kien indikalhom fejn kellhom jitwahhlu d-*detectors*, kien mess id-*desk* u ra li kienet tahraq. Jghid li l-hgiega kienet wahda hoxna. Qal li fuq il-post kien hemm haddiema ohra izda ma jafhomx. Meta nkisret il-hgiega ma jafx izda sar jaf li nkisret minghand is-*supervisor* tieghu.
**Grezzju Mallia** Electrical Supervisor mas-socjeta' attrici u l-Electrical Engineer Vince Deguara, xehdu wkoll permezz t'affidavits li gew esebiti w immarkati bhala Dok. RB2 u RB5 rispettivament. Dawn ikkonfermaw dak kollu li qal ix-xhud Arthur Galea, salv li ziedu jghidu li dan kollu jafuh ghaliex kellhom imnizzel id-dati fil-files taghhom u ghamlu referenza ghalihom.
Viva voce l-Qorti nhar l-24 ta' Mejju 2010 **Grezzju Mallia** meta mistoqsi jekk Alfio Bartolo u Silvio Cauchi hadmux fuq il-progett, jghid li ma jafx. Jikkonferma biss li huwa kien *supervisor* ta' William Mallia w Christian Attard u jaf li dawn ghamlu xoghol fuq l-installazzjoni. Ikkonferma wkoll li waqt li kienu qed jahdmu kien imur fuq il-lant tax-xoghol

sabiex jara x'kienu qed jaghmlu. Qal li zewg spezzjonijiet ghamel zgur.
Spejga li din l-iskrivaija kellha hgiega mpressjonanti, kienet sabiha hafna w appena tohrog mil-lift kont taraha. Ftakar li darba minnhom kien ircieva telefonata minghand xi mpejgat tas-socjeta' konvenuta u kien gie mgharraf li n-nies tieghu kienu kissru l-hgiega. Qal li pero' meta avvicina lill-impjegati tieghu irrizultalu li lanqas kienu jafu li kienet inkisret. Kien hemmhekk meta nduna li d-dwal ta' fuq il-hgiega ma baqghux l-istess u li kienu nbidlu. Jghid li l-allegazzjoni li saret fil-konfront tal-haddiema tieghu kienet saret fil-konfront ta' William Mallia u Christian Attard.
**Vince Deguara** xehed ukoll viva voce il-Qorti nhar l-24 ta' Mejju 2010 u spjega li s-sistema ta 'fire alarm' li huma installaw kienet wahda gdida w mhux *up grade* ta' dak li kien hemm, ghalkemm kien hemm wahda bazika hafna w kien ghalhekk li bnew wahda mill-gdid. Spjega wkoll li l-haddiema li hadmu fuq dan il-progett kienu Christian Attard u William Mallia, w dawn kellhom l-ghodda f'idejhom, ghalkemm jghid li kien hemm haddiema ohra jahdmu fuq il-post. Ikkonferma wkoll li kien hemm Silvio Cauchi u Alfio Bartolo jahdmu fuq il-post, izda mhux fl-istess zmien. Qal li l-*wiring* u *devices* saru minn Christian Attard u William Mallia u sussegwentement dahlu t-*technicians* jaghmlu x-xoghol tal-*commission*. Qal li huwa ghamel spezzjoni wara l-25 ta' Awwissu 2008 sabeix jaccerta ruhu li x-xoghol kien sar. Mistoqsi kemm-il darba kien imur fuq il-post, jghid li kien imur xi tliet darbiet fil-gimgha. Jghid li x-xoghol tas-socjeta' attrici dam aktar minn hamest ijiem. Indika hamest ijiem bejn l-20 u l-25 ta' Awwissu 2008 bhala l-perijodu li saret l-installazzjoni. Qal li huwa kien mess ir-*reception desk* dakinhar bi zball u mhux ghax ried, u mieghu kien hemm ukoll xi *supervisor* tas-socjeta' konvenuta, pero' ma setax jiftakar min kien. Mistoqsi kif kien jaf li l-hgiega inkisret, jghid li ma jiftakarx.

**Christian Attard** electrician mas-socjeta' attrici xehed ukoll permezz t'affidavit esebit fl-atti w immarkat bhala Dok RB3. Dan stqarr li bejn l-20 u l-25 ta' Awwissu 2008 huwa kien ircieva struzzzjonijiet minghand il-principal tieghu sabiex flimien ma' William Mallia jaghmel xi xoghol

konsistenti f'installazzjoni ta' 'fire alarm' f'ufficcju li jinsab fil-level 2, Portomaso, San Giljan. Qal li waqt li kienu fuq ix-xoghol, kien hemm haddiema ohra jahdmu wkoll.

Ikkonferma li fl-ebda hin ma kkawza xi hsara f'xi ghamara li kien hemm fir-*reception,* b'mod partikolari fil-hgiega tal-iskrivanija li hemm. Qal pero' li jaf li din il-hgiega kienet tkun tahraq hafna, possibilment minhabba l-*halogen lights* li kien hemm imwahhla fuqha. Jghid li in effetti wara xi zmien kienu biddlu dawn id-dwal u ghamluhom Compact PL. Pero' dan ix-xoghol ta' tibdil ta' dwal ma sarx minn impjegati tas-socjeta' attrici. Qal li huwa kien ikun fil-presenza tal-impjegat William Mallia u kkonferma li quddiemu lanqas dan ma kkawza xi danni. Jghid li huma ghamlu biss l-installazzjoni w il-klijent kien kuntent dwarha, tant li fl-ebda hin ma rcevew xi lmenti. Qal li huwa qatt ma ra xi hgieg imkisser fir-*reception desk* u sar jaf b'din il-hsara mill-principal tieghu.

In kontro ezami nhar il-25 ta' Ottubru 2010 jghid li jaf li kien hemm haddiema ohra tas-socjeta' attrici jahdmu fuq il-post bhal Alfio u Silvio, pero' mhux kuljum kienu jkunu hemm. Mistoqsi min kien hemm meta nkisret il-hgiega jghid li ma jafx. Spejga li huwa hadem fuq il-progett billi tela' fuq is-sellum li kien hdejn id-*desk* u kien hemm *man hole* mas-saqaf u ghamel xi xoghol hemm. Huwa sar jaf li l-hgiega nkisret mill-*management*. Ikkonferma li fl-ebda hin ma gie mitkellem minn Silvio.

**William Mallia**, Trade Assistant mas-socjeta' attrici xehed permezz t'affidavit li gie esebit u mmarkat bhala Dok RB4 u kkonferma dak li qal ix-xhud Christian Attard salv li kkonferma wkoll li huwa ma kkawza l-ebda hsara fir-*reception desk* tas-socjeta' konvenuta. Ikknferma wkoll li sa fejn jaf hu l-klijent kien sodisfatf bl-installazzjoni li saret dwar il-'fire alarm'.

Nhar il-25 ta' Ottubru 2010 xehed in kontro ezami w ikkonferma li fuq il-post kien hemm haddiema ohra, mhux tas-socjeta' attrici, izda min huma ma jafx. Fir-*reception area*, sa fejn jaf hu hadmu hu u Christian Attard biss, ghalkemm kien hemm zewg haddiema ohra tas-socjeta' li dahlu jahdmu warajhom. Dawn kienu technicians. Huwa kien wahhal id-detectors u l-haddiema l-ohra wahhlu s-switches. Huwa sar jaf li l-hgiega nkisret mis-supervisor tieghu. Qal li huwa spicca mix-xoghol il-Gimgha u sar jaf

li nkisret il-hgiega t-Tnejn ta' wara. Fil-weekend fuq il-post ma marx u hgieg imkisser qabel ma telaq minn fuq il-post ma kienx ra.

**Christopher Baldacchino** xehed nhar il-5 t'Ottubru 2010 u kkonferrma li huwa kellu jinstalla *fire system* skond ir-regolamenti moghtija lilu minn Portomaso Group u ghalhekk kienu qabbdu lis-socjeta' attrici sabiex taghmel dan ix-xoghol. Mistoqsi jekk kienx prezenti meta nkisret il-hgiega, jghid li ma kienx. Qal li kien raha wara meta kienet ga nkisret. Jghid li dak iz-zmien ftit kienu l-haddiema li kienu qed jahdmu fuq il-post. Mistoqsi jekk kienx hemm xi haddiema ohra apparti dawk ta' Pantalesco jahdmu fil-granet ta' qabel, jghid li jista' jkun pero' ma jiftakarx. Qal li *on site* kien ikun il-hin kollu. Qal li jiftakar li kien ra lil xi hadd iserrah sieq fuq il-hgiega tal-mejda w sieq fuq is-sellum, jimmanuvra w ihares 'il fuq u jirranga xi bozza. Dana kien impjegat ta' Pantaleso w fil-fatt jghid li kien attiralu l-attenzjoni tieghu. Mistoqsi jekk id-dwal li kien hemm fuq id-desk kienux *halogen,* jghid li ma jafx ghalkemm jghid li kien minnu li kienu biddlu d-dwal, u dan ghaliex kienu jahlu hafna w kienu jitfghu hafna shana fuq id-desk. Ikkonferma li apparti l-haddiema tas-socjeta' attrici, ma kienx hemm iktar nies jahdmu fuq ir-*reception desk*. Qal li sar jaf bl-ismijiet tal-haddiema tas-socjeta' attrici, w cioe' William Mallia w Christian Attard, wara li sehh l-incidentm, ghaliex kien staqsa lill-*foreman*.

Nhar it-3 ta' Dicembru 2010 xehed **Lorenzo Torti** w ikkonferma li s-sistema tal-fire alarm kienet gja nstallata w kien gie mitlub jaghmel xi xoghol addizzjonali dwarha. Mistoqsi jekk kienx hemm haddiema ohra, jghid li ma kienx hemm, izda fis-sajf tas-sena 2008 kien hemm hafna haddiema. Spjega li huwa jahdem bhala *shift technical officer* tal-IT mas-socjeta' Webbet Company Limited. Qal li pero' kien ra lil xi hadd bil-wieqfa fuq l-injam tad-desk, izda ma rax hgieg miksur dakinhar. Qal li huwa kien gie mitlub jaghmel xi supervizjoni tax-xoghlijiet li kienu qed isiru w izid li ma rax il-hgiega tinkiser, ghalkemm jghid li dakinhar li l-hgiega kienet miksura fl-ufficcju kien hemm hu w il-haddiema tas-socjeta' attrici w kien ra lil xi hadd bil-wieqfa fuq l-injam tad-desk.

Ikkunsidrat:-
Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Is-socjeta' attrici kienet installat sistema ta' 'fire alarm' fil-proprjeta' Level 2, Portomaso, gewwa xi ufficini. Jirrizulta li 'n segwitu' s-socjeta' attrici kienet baghtet il-kont lis-socjeta' konvenuta w dan ghall-ammont ta' hamest elef u disgha w hamsin Ewro u sitta w sittin centezmu (€5059.66), izda s-socjeta' konvenuta ma riditx thallas, mhux ghax ix-xoghol kien hazing, izda ghaliex sostniet li s-socjeta' attici hija responsabbli ghad-danni li hi sofriet meta allegatament xi haddiema mis-socjeta' attrici kissru l-hgiega tar-*reception desk*. Is-socjeta' attrici dan qed tinnengah u kien ghalhekk li saret din il-kawza. Il-Qorti hawn taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **<u>Joseph Tonna vs Philip Azzopardi</u>** deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

*"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz*

*tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

d) *Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Dwar il-prova li kellha taghmel is-socjeta' attrici jirrizulta li hija kellha tipprova li ghamlet ix-xoghol li dwaru qed tirreklama pagament, u li x-xoghol sar tajjeb, tant li s-socjeta' konvenuta mhix qed tikkonstetah. Jirrizulta wkoll li lanqas dwar il-*quantum* m'hemm xi kontestazzjoni.

Is-socjeta' konvenuta fl-ewwel lok teccepixxi bhala eccezzjoni, li hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, stante li fil-fehma taghha ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnha w is-socjeta' attrici, w dan ghaliex ma kinitx hi li tat xi struzzjonijiet lilha w li ghalhekk il-kawza kellha ssir kontra dik il-persuna li minghandha s-socjeta' attrici rceviet struzzjonijiet.

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti** jinghad li "*b'relazzjoni guridika wiehed necesarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt*

*jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha*."

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza nhar il-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

*"Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kinetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Ta' mportanza ghal din is-sentenza huwa dak li gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar il-21 ta' Marzu 2002 fl-ismijiet **Camel Brand Co. Ltd. Vs Debono Michael** fejn inghad li :-

*“Meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

*Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*

*Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni.”*

Issa f’dan il-kaz jirrizulta mix-xhieda ta’ Chris Baldacchino li jahdem mas-socjeta’ konvenuta, li huma kienu gew mitluba minn Potomaso Group sabiex jinstallaw ‘fire alarm’ u kienu huma li qabbdu lis-socjeta’ attrici. Jidher mill-e-mail esebit fl-atti a fol. 27, li kien proprju dan Baldacchino li kien qed jinnegozja dan ix-xoghol, u s-servizz li kien ser jinghata, w in effetti kif jghid hu stess kien imur izur il-lant tax-xoghol kuljum. M’hemmx dubbju li ghalhekk is-socjeta’ attrici kellha relazzjoni mas-socjeta’ konvenuta w li ghalhekk ghamlet sewwa s-socjeta’ attrici li harrket lis-socjeta’ konvenuta, w ghalhekk din l-ewwel ecezzjoni tas-socjeta’ konvenuta qed tigi michuda.

Dwar it-tieni eccezzjoni jinghad li s-socjeta’ konvenuta qed tghid li s-socjeta’ attrici ma nstallat l-ebda sistema ta’ ‘fire alarm’ fil-proprjeta’ taghha w li ghalhekk hija m’ghandhiex taghmel tajjeb ghal dan is-servizz. Mill-provi prodotti dan m’hu veru xejn, u dan ghaliex minn skambju tal-e-mails esebiti jirrizulta li Chris Baldacchino kien qed jinnegozja ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta w fl-ebda hin ma qal li

huwa kien qed jagixxi ghan-nom ta' haddiehor. Din it-tieni eccezzjoni qed tigi michuda wkoll.

Dwar it-tielet eccezzjoni jinghad li s-socjeta' konvenuta qed tghid li l-prezz tax-xoghol huwa esagerat u li jispetta lis-socjeta' attrici li tressaq prova dwar il-prezz tax-xoghilijiet imwettqa minnha. Minn ezami tal-e-mail datata 31 ta' Lulju 2008 a fol. 27, jirrizulta li Mario Falzon ghan-nom tas-socjeta' attrici kien informa lil Chris Baldacchino ghan-nom tas-socjeta' konvenuta dwar kemm kien ser jiswa x-xoghol, u fil-fatt b'referenza ghall-istima EL0B807224 kienu ftiehmu li kien ser ikun hemm skont ta' 7% fuq il-prezz miftiehem, u li ghalhekk il-prezz il-gdid kellu jkun erbat elef mitejn u sebgha w tmenin Ewro u hamsa w tmenin centezmu (€4,287.85), oltre l-hlas tal-VAT. Issa skond l-*invoice* esebita a fol. 2 tal-atti, jirrizulta li s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas skond din l-istess stima EL0B 807224, u cioe' s-somma ta' erbat elef mitejn u sebgha w tmenin Ewro u hamsa w tmenin centezmu (€4287.85) oltre l-VAT, u ghalhekk dwar il-*quantum* ma jidhirx li s-socjeta' konvenuta ghandha ragun, u ghalhekk din it-tielet eccezzjoni qieghda tigi wkoll michuda.

Fir-raba' lok is-socjeta' konvenuta qed teccepixxi li ghandu jkun hemm tpacija peress illi fil-fehma taghha s-socjeta' attrici hija debitrici taghha fl-ammont t'erbat elef tmien mija w sittin Ewro (€4860) rapprezentanti allegati danni li hija sofriet minhabba ksur tal-hgiega tar-*reception desk* taghha w dan ai termini tal-Artikolu 1196 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba kienet qed tigi kawtelata f'kawza ohra il giet prezentata fl-ismijiet inversi.

Illi dwar ir-regoli ta' tpacija li ssehh *ipso iure* l-**Artikolu 1196 tal-Kap. 16** jistabbilixxi li meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom it-tpacija *ipso iure. "Din it-tpacija ssir minghajr ma jkunu jafu d-debituri jekk ikunu jezistu zewgt' idjun fi zmien wiehed, u d-djun jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs.* ***L-artikolu 1197 tal-Kap 16*** *jistabbilixxi li t-tpacija ssir biss bejn zewgt' idjun li jkollhom somma ta' flus …li jkunu it-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu".*

lli hawn tajjeb li ssir referenza ghas-sentenza **"Marianna Spiteri *et vs.* Joseph Vella"** (P.A. (A.J.M.) 3 ta' Mejju 1993 – Vol. LXXVII.iii.128) fejn inghad illi *"minn dan nara li l-eccezzjoni ta' tpacija fiha innfisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacut minn ammont iehor dovut mill-kreditur".* (**"Donald Orr *nomine vs.* Edward Gingell Littlejohn *et*"** - A.K. (C.S.) 18 ta' Gunju 1984 – LXVIII.ii.297; **"Stefan Zrinzo Azzopardi *nomine vs.* Michael Vella *nomine*"** – K. (A.M.) 24 ta' Frar 1995 – LXXIX.iv.1371; **"MacPherson Mediterranean Limited vs J. Lautier Company Limited"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002). Illi fis-sentenza **"Onor. Carm Lino Spiteri vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici"** (A.C. (H.H.) 25 ta' Jannar 1988 – LXXII.iii. 157 inghad illi *"nfatti kif deciz minn din il-Qorti fl-14 ta' Jannar 1995 fil-kawza **"G. Schembri vs G. Chircop"**' ma jistax ikun hemm kompensazzjoni meta z-zewg debiti ma jkunux likwidi w esigibbli (Vol. XXXIII.i.614; XXXI.i.8), b'mod illi la darba l-kreditu pretiz mill-konvenut mhux likwidu w esigibbli, huwa ma jistax jeceppixxi l-kompensazzjoni. U ghalkemm il-likwidita' ta' zewg krediti m'hix estrem essenzjali ghall-kompensazzjoni gudizzjali, b'danakollu, meta l-likwidazzjoni tal-kreditu dedott b'kompensazzjoni mhux facli u ma tistax issir*

*malajr…. Din il-kompensazzjoni m'ghandhiex tigi facilment accettata mit-tribunali (Vol. XVII.iii.4).*

Illi fil-kawza **"Paul Abela *nomine vs* Paul Laferla *nomine*"** (A.C. 18 ta' Mejju 1953) addirittura inghad li *"ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha 'ipso iure' ghar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra".*

Issa f'dan il-kaz jirrizulta li f'wahda mill-eccezzjonijiet is-socjeta' konvenuta qed tghid li l-ammont huwa esagerat u li ghalhekk qed jigi kontestat, waqt li s-socjeta' attrici qed tichad li kienet hi li kkawzat xi Danni, w li ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li l-ammonti huma likwidi w dovuti, w

ghalhekk zgur li t-tpacija ma tistax tavvera ruhha. Ghalhekk tali eccezzjoni qed tigi michuda wkoll.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li qed tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, qieghda tilqa' t-talba attrici b'dan illi qed tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, disgha w hamsin Ewro w sitta w sittin centesmu (€5059.66) ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors promotur.**

**L-ispejjez kollha huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------